bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Joseph Mercieca)
vs
Michael Tanti, iben Lorenzo,
imwieled Rabat fit-13 ta' frar, 1947

Illum, 24 ta' ġunju, 2002

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputat –

1. talli f'dawn il-Gżejjer bejn it-13 ta' frar, 1999 u il-5 ta' ġunju, 1999 bħala proprjetarju jew amministratur tal-fond 'Incognito Bar & Restaurant' sitwat fi Triq il-Fliegu, Qawra, b'diversi azzjonijiet magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmulin b'risoluzzjoni waħda, b'mezzi qarrieqa li bihom wieħed seta' kellu l-użu jew il-konsum illeġittimu ta' kurrent elettriku, ikkometta serq ta' kwantita' ta' elettriku li jammonta għal mija u wieħed u disgħin liri maltin u tletin ċentesimu (Lm191.30) liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bl-ammont għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta;
2. talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, cioe' meter tad-dawl tal-għamla 'Iskra', liema ħsara tammonta għal ħamsa u sittin liri maltin (Lm65) għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Il-Qorti ġiet mitluba li tapplika l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tal-24 ta' ġunju, 2002 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' ġunju, 2002 fejn ir-rappresentant tal-Korporazzjoni Enemalta nforma l-Qorti li l-imputat ħallas dak kollu dovut u il-Korporazzjoni Enemalta m'għandhiex aktar interess fil-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' ġunju, 2002 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 264, 267, 270, 278(1)(2)(3) u 325(b) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Inoltre, rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah li jħallas is-somma ta' ħamsa u sittin liri maltin u ħamsa u ħamsin ċentesimu (Lm65.55) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti in konnessjoni ma dan il-każ.